II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/891

tal-1 ta' April 2022

li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal Denominazzjonijiet Protetti tal-Oriġini, Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u Speċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji oħrajn

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu, tal-Artikolu 53(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) emenda l-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 fir-rigward tas-sistema ta' emendi għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott. Mit-8 ta' Ġunju 2022, l-emendi "mhux minuri" u "minuri" huma sostitwiti b'emendi "tal-Unjoni" u "standard", rispettivament, b'kamp ta' applikazzjoni u proċeduri differenti.

(2) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 ([3]) fih dispożizzjonijiet li jissupplimentaw ir-regoli dwar emendi mhux minuri u minuri. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-sistema l-ġdida tal-emendi, ir-regoli eżistenti dwar emendi mhux minuri u minuri f'dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġu sostitwiti b'regoli ġodda.

(3) Għall-effiċjenza tal-proċedura, jenħtieġ li tiġi stabbilita regola dwar l-ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni. Għall-istess raġunijiet, meta applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni jkun fiha wkoll emendi standard, l-emendi standard jenħtieġ li jitqiesu li mhumiex eżistenti u jenħtieġ li ma jitqisux bħala approvati fil-kuntest tal-emenda tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 tat-18 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar il-ksib, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji oħrajn (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 17).

(4) Il-proċedura għall-approvazzjoni ta' emenda standard u emenda temporanja jenħtieġ li tiġi stabbilita biex tippermetti li l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni xierqa tal-applikazzjonijiet u jiggarantixxu approċċ konsistenti fl-Istati Membri kollha. Il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-valutazzjoni mill-Istati Membri jenħtieġ li jkunu ekwivalenti għall-preċiżjoni u l-kompletezza meħtieġa għall-proċess ta' valutazzjoni fil-proċedura li tirregola l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' indikazzjoni ġeografika.

(5) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli biex tiġi stabbilita koordinazzjoni bejn il-proċeduri għal emendi fi Speċifikazzjoni tal-Prodott f'każijiet fejn l-applikazzjonijiet li jikkonċernaw emenda tal-Unjoni u emenda standard ikunu pendenti fl-istess ħin quddiem il-Kummissjoni u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, rispettivament. Peress li ż-żewġ applikazzjonijiet jemendaw l-istess Speċifikazzjoni tal-Prodott, filwaqt li jsegwu żewġ proċeduri paralleli differenti bi skeda ta' żmien differenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli li jevitaw l-inkonsistenzi.

(6) Jenħtieġ li jiġu adottati regoli tranżizzjonali biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mir-regoli attwali tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 664/2014 għar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(7) Peress li l-emendi fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott introdotti bir-Regolament (UE) 2021/2117 japplikaw mit-8 ta' Ġunju 2022, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-istess data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi fir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 664/2014

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 664/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 6*

Applikazzjonijiet għal emendi tal-Unjoni fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

Għall-finijiet tal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għandha tinkludi emendi tal-Unjoni biss. Jekk applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni tkun tinkludi wkoll emendi standard jew temporanji, il-proċedura għal emenda tal-Unjoni għandha tapplika biss għall-emenda tal-Unjoni. Emendi standard jew temporanji inklużi fl-applikazzjoni għandhom jitqiesu bħala mhux sottomessi.";

(2) jiddaħħlu l-Artikoli 6a sa 6d li ġejjin:

"*Artikolu 6a*

Ammissibbiltà tal-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-emendi tal-Unjoni

1. L-applikazzjonijiet għal approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni fl-Ispeċifikazzjoni tal-prodott għandhom jitqiesu bħala ammissibbli jekk ikunu ġew sottomessi f'konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u kkomunikati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 (*) u jekk ikunu jikkonformaw mal-Artikolu 10 ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

L-approvazzjoni mill-Kummissjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għandha tkopri biss l-emendi tal-Unjoni stipulati fl-applikazzjoni.

2. Jekk il-Kummissjoni tqis li applikazzjoni ma tkunx ammissibbli, hija għandha tinforma lill-awtoritajiet tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz ikkonċernat jew lill-applikant stabbilit fil-pajjiż terz, skont il-każ, bir-raġunijiet għall-inammissibbiltà.

Artikolu 6b

Emendi standard fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta jew Indikazzjoni Ġeografika Protetta

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjonijiet għall-approvazzjoni ta' emenda standard fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għandhom jiġu sottomessi lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tinsab iż-żona ġeografika tal-prodott ikkonċernat. Jekk l-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda standard fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ma tiġix mill-grupp applikant li jkun issottometta l-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-isem jew tal-ismijiet li għalihom tirreferi l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott, l-Istat Membru għandu jagħti lil dak l-grupp applikant l-opportunità li jikkummenta dwar l-applikazzjoni, jekk dak l-grupp applikant ikun għadu jeżisti.

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-emenda standard għandha tipprovdi deskrizzjoni tal-emendi standard u turi li l-emendi proposti jikkwalifikaw bħala standard f'konformità mal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012. Għandu jiġi pprovdut ukoll sommarju tar-raġunijiet li għalihom ikunu meħtieġa l-emendi.

2. Fejn l-Istat Membru jqis li r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 u tad-dispożizzjonijiet adottati skont dak ir-Regolament huma ssodisfati, huwa jista' japprova l-emenda standard. Id-deċiżjoni tal-approvazzjoni għandha tinkludi l-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ikkonsolidat emendat u, fejn rilevanti, id-Dokument Uniku kkonsolidat emendat jew għandha tinkludi r-referenza elettronika għall-verżjoni ppubblikata tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ikkonsolidat u, fejn rilevanti, id-Dokument Uniku.

Id-deċiżjoni ta' approvazzjoni għandha tiġi ppubblikata. L-emenda standard approvata għandha tkun applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat mid-data li fiha tkun ġiet ippubblikata d-deċiżjoni ta' approvazzjoni. L-Istat Membru għandu jikkomunika l-emendi standard approvati lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha tkun ġiet ippubblikata d-deċiżjoni ta' approvazzjoni nazzjonali. L-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, kwalunkwe sentenza nazzjonali finali u mhux appellabbli li tħassar id-deċiżjoni li tapprova emenda standard.

3. Id-deċiżjonijiet li japprovaw emendi standard li jikkonċernaw prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni minn grupp applikant li jkollu interess leġittimu, jew direttament jew permezz tal-awtoritajiet tal-pajjiż terz ikkonċernat, u dan mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha tkun ġiet ippubblikata d-deċiżjoni rilevanti.

4. Il-komunikazzjoni ta' emenda standard approvata lill-Kummissjoni għandha titqies li tkun saret kif xieraq meta tikkonforma mal-Artikolu 10a tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2014.

5. Fil-każ li l-emenda standard timplika emenda fid-Dokument Uniku, il-Kummissjoni għandha tippubblika d-deskrizzjoni tal-emenda standard u d-Dokument Uniku emendat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje C, fi żmien 3 xhur mid-data li fiha tkun irċeviet il-komunikazzjoni ta' dik l-emenda standard.

Fil-każ li l-emenda standard ma timplikax emenda fid-Dokument Uniku, il-Kummissjoni għandha tippubblika, permezz tas-sistemi diġitali msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2014, id-deskrizzjoni tal-emenda standard fi żmien 3 xhur mid-data li fiha tkun irċeviet il-komunikazzjoni ta' dik l-emenda standard.

L-awtorità nazzjonali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 jew il-grupp applikant imsemmi fil-paragrafu 3 li jkunu kkomunikaw emenda standard lill-Kummissjoni għandhom jibqgħu responsabbli għall-kontenut tagħha.

6. L-emendi standard għandhom ikunu applikabbli fit-territorju tal-Unjoni mid-data li fiha jkunu ġew ippubblikati skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 5 jew ikunu saru pubbliċi skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5.

7. Fejn iż-żona ġeografika tkopri aktar minn Stat Membru wieħed, kull Stat Membru kkonċernat għandu japplika l-proċedura għal emendi standard separatament. L-emenda standard għandha tkun applikabbli fit-territorju tal-Istati Membri kkonċernati biss wara li ssir applikabbli l-aħħar deċiżjoni ta' approvazzjoni nazzjonali. L-Istat Membru li jkun l-aħħar wieħed li japprova l-emenda standard għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-komunikazzjoni rilevanti mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha tkun ġiet ippubblikata d-deċiżjoni ta' approvazzjoni tiegħu.

Jekk wieħed jew aktar mill-Istati Membri kkonċernati ma jadottawx id-deċiżjoni ta' approvazzjoni nazzjonali msemmija fl-ewwel subparagrafu, kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri kkonċernati jista' jissottometti dik l-applikazzjoni skont il-proċedura ta' emenda tal-Unjoni.

8. Il-paragrafu 7 għandu japplika *mutatis mutandis* fejn parti miż-żona ġeografika kkonċernata tkun tinsab fit-territorju ta' pajjiż terz.

Artikolu 6c

Relazzjoni bejn l-emendi tal-Unjoni u l-emendi standard

1. Fejn tiġi approvata emenda standard li timplika emenda fid-Dokument Uniku, filwaqt li jkun hemm applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni pendenti mal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaġġorna d-Dokument Uniku inkluż fl-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' emenda tal-Unjoni bix-xieraq. Jekk l-emenda tal-Unjoni pendenti tkun ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-oppożizzjoni, il-verżjoni aġġornata tad-Dokument Uniku għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, serje L, bħala Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni li japprova l-emenda tal-Unjoni.

2. Fejn il-verżjoni emendata tad-Dokument Uniku inkluż f'applikazzjoni għal emenda standard approvata fil-livell nazzjonali ma tikkunsidrax l-aħħar emendi tal-Unjoni li jkunu ġew approvati, dik l-emenda standard ma għandhiex tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-Istat Membru li jkun approva dik l-emenda standard għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-verżjoni kkonsolidata tad-Dokument Uniku kif emendat kemm mill-Unjoni kif ukoll mill-emendi standard għall-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6d

L-emendi temporanji fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta jew Indikazzjoni Ġeografika Protetta

1. L-emendi temporanji fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għandhom jiġu approvati u ppubblikati mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tinsab iż-żona ġeografika tal-prodott ikkonċernat. L-emendi temporanji għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni flimkien mar-raġunijiet li jappoġġawhom sa mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha tkun ġiet ippubblikata d-deċiżjoni ta' approvazzjoni nazzjonali. L-emenda temporanja għandha tkun applikabbli fl-Istat Membru kkonċernat mid-data li fiha tkun ġiet ippubblikata d-deċiżjoni li tapprova l-emenda.

2. Fejn iż-żona ġeografika tkun tkopri aktar minn Stat Membru wieħed, kull wieħed mill-Istati Membri kkonċernati għandu japplika l-proċedura għall-emendi temporanji msemmija fil-paragrafu 1 separatament.

3. L-emendi temporanji li jikkonċernaw il-prodotti li joriġinaw minn pajjiżi terzi għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni, flimkien mar-raġunijiet għalihom, minn grupp applikant li jkollu interess leġittimu, jew direttament jew permezz tal-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż terz, u dan mhux aktar tard minn xahar wara l-approvazzjoni tagħhom.

4. Il-komunikazzjoni ta' emenda temporanja approvata lill-Kummissjoni għandha titqies li tkun saret kif xieraq meta tikkonforma mal-Artikolu 10b tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2014.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-komunikazzjoni ta' emendi temporanji permezz tas-sistemi diġitali msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 668/2014 fi żmien 3 xhur mid-data li fiha tkun irċeviet il-komunikazzjoni ta' dik l-emenda temporanja. L-emenda temporanja għandha tkun applikabbli fit-territorju tal-Unjoni mid-data li fiha tkun ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni.

L-awtorità nazzjonali msemmija fil-paragrafi 1 u 3 jew il-grupp applikant imsemmi fil-paragrafu 3 li jkunu kkomunikaw emenda temporanja lill-Kummissjoni għandhom jibqgħu responsabbli għall-kontenut tagħha.

(*) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).".

Artikolu 2

Regoli tranżitorji

L-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Delega (UE) Nru 664/2014, fil-verżjoni tiegħu qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jkompli japplika għall-applikazzjonijiet għal emendi mhux minuri u minuri, kif ukoll għall-komunikazzjonijiet ta' emendi temporanji, fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti, Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti u Speċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti pendenti mal-Kummissjoni qabel it-8 ta' Ġunju 2022.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-8 ta' Ġunju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' April 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN